**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija minn Mr Speaker l-Onor Louis Galea f'Seduta numru 75 tat-Tnejn, 26 ta' Jannar, 2009.**

*Aġġornament tal-Kamra għal ġurnata tal-Ħamis - Ordnijiet Permanenti numru 8, 194 u 195 - Ġranet ta' laqgħat tal-Kamra - Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra - Mozzjoni ta' Proċedura*

Fis-Seduta tal-lejla, it-Tnejn, 26 ta' Jannar, 2009, Seduta numru 75, fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xoghol fid- 9.00 pm, meta s-Sedja kienet ser titlob li jitressaq l-Aġġornament, izda qabel ma fil-fatt il-Ministru għall-Politika Soċjali ressaq l-Aġġornament tal-Kamra, l-Onor Joe Mizzi qam fuq punt ta' ordni u talab lis-Sedja tiddeċiedi li skond l-Ordnijiet Permanenti[1] il-Kamra għandha tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis li ġej, jiġifieri, 29 ta' Jannar, 2009, u li f'liema każ għandu jsir xogħol ta' Membri Privati.

L-Onor Mizzi **sostna** l-pretensjoni tiegħu fuq l-Ordni Permanenti numru 8 u fuq il-fatt li s'issa f'din il-Leġislatura l-Kamra ma adottatx xi Mozzjoni ta' Proċedura biex tissospendi l-Ordnijiet Permanenti jew xi wieħed jew uħud minnhom.

Is-Sedja semgħet ukoll il-fehma tal-Prim Ministru u tal-Ministru tal-Politika Soċjali li min naħa tagħhom sostnew a) il-prassi kostanti li l-Kamra tiltaqa' t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa, b) li l-mozzjonijiet preżentati mill-Oppożizzjoni ġew regolarment diskussi f'Seduta u ħin miftiehma bejn iż-żewġ naħat, u ċ) li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra diġa' ftiehem dwar ix-xogħol li l-Kamra kellha tagħmel din il-ġimgħa li qiegħdin fiha.

Hawn is-Sedja issospendiet is-Seduta biex tikkonsidra aħjar il-kummenti taż-żewġ naħat qabel tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni tagħha.

Is-Sedja tinnota li saret il-prassi kostanti li l-Kamra tiltaqa' regolarment it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa u li Ministru tal-Gvern jaġġorna l-Kamra ġeneralment għal waħda minn dawn il-ġranet, sakemm ma jkunx hemm ftehim differenti tal-Kamra dwar il-ġranet u l-ħinijiet meta tiltaqa'.

Huwa fatt ukoll li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, maħtur unanimament f'din il-Kamra fit-12 ta' Mejju, 2008, b'mozzjoni numru 9, ai termini tal-Ordni Permanenti

numru 120Ċ, iltaqa' fit- 13 ta' Jannar, 2009, u ftiehem dwar ix-xogħol li l-Kamra kellha twettaq u ftiehem ukoll li jerġa' jiltaqa' pitaghada, l-Erbgħa, 28 ta' Jannar, 2009, biex ikompli jiftiehem fuq il-ħidma tal-Kamra. Kif taf il-Kamra l-Onor Joe Mizzi, Whip tal-Oppożiżżjoni, huwa wkoll Membru attiv ta' dan il-Kumitat.

Il-kwestjoni hi jekk il-prassi u l-ftehim fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra jipprevalux fuq l-Ordnijiet Permanenti relattivi u espliċiti meta dawn jigu invokati minn xi Membru tal-Kamra.

L-Ordni Permanenti rilevanti huwa l-OP 8 li ser niċċita :

"OP 8. (1) Kemm-il darba l-Kamra ma tordnax xort' oħra, il-Kamra għandha tiltaqa` fil-5 ta' wara nofs in-nhar nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis f'kull ġimgħa (ħlief fil-festi pubbliċi) u f'dawk il-ġranet l-oħra u f'dak il-ħin l-ieħor kif il-Kamra tista` tiddeċiedi minn żmien għal żmien, jew kif l-iSpeaker jista` jistabilixxi għal raġunijiet ta' urġenza."

Is-Sedja tirreferi wkoll ghall-Ordnijiet Permanenti 194 u 195 li wkoll ser niċċita:

"OP 194. Kull Ordni permanenti tal-Kamra jista` jiġi sospiż fuq mozzjoni magħmula mingħajr avviż, kemm-il darba ma jkun hemm ebda oġġezzjoni minn xi Membru preżenti.

OP 195 Iżda, kull Ordni Permanenti tal-Kamra jista` jiġi sospiż fuq mozzjoni magħmula wara avviż, din il-mozzjoni tkun ġiet approvata b'maġġoranza ta' dawk preżenti u li jivvotaw."

Is-Sedja tikkonstata li llejla l-Onor Joe Mizzi preżenti fil-Kamra qanqal oġġezzjoni għas-sospensjoni tal-Ordni Permanenti ċitat numru 8 u fl-istess ħin jirriżulta li m'hemm l-ebda Mozzjoni ta' Proċedura li tirregola s-sospensjoni ta' xi wiehed jew aktar mill-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra.

Is-Sedja tirrileva li huwa veru li l-Kamra tant tħossha marbuta mill-Ordnijiet Permanenti li kull darba li ħasset l-esiġenza li tirregola l-ħidma tagħha b'mod differenti minn kif dawn jipprovdu jew fittxet il-ftehim informali u magħruf tal-Membri jew inkella iddiskutiet u adottat Mozzjoni ta' Proċedura debitament preżentata, diskussa u votata.

Iżda l-Ordni Permanenti numru 8 hu soġġett għall-proviso fil-bidu tiegħu "Kemm-il darba l-Kamra ma tordnax xort' oħra". Ilkoll nafu li dan l-Ordni Permanenti jantiċedi b'ħafna snin l-Ordni Permanenti l-iehor 120Ċ li ġie adottat bi ftehim unanimu tal-Kamra fl-1995, u hu prinċipju fondamentali fil-liġi li provvediment riċenti jipprevali fuq provvediment aktar antik.

L-Ordni Permanenti 120Ċ li holoq il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u l-funzjonijiet tiegħu għandu bħala skop ewlieni dak li f'isem il-Kamra "jikkkonsidra kull ħaġa li tolqot il-proċedura u x-xogħol tal-Kamra..." (120Ċ (1) (ċ)), funzjoni li l-Kumitat għadu kif esplika preċiżament fit-13 ta' Jannar, 2009, meta ftiehem fuq ix-xogħol tal-Kamra inkluż ghal din il-ġimgħa.

Għaldaqstant is-Sedja tiddeċiedi li l-Ordni Permanenti numru 8 qed jiġi salvagwardat fis-sens li l-Kamra, permezz tal-Kumitat tagħha permanenti dwar ix-xogħol tagħha, sabet il-ftehim dwar ix-xogħol li kellu jsir din il-ġimgħa fis-Seduti tal-Kamra tal-lum, ta' għada t-Tlieta u ta' nhar l-Erbgħa, u allura l-ftehim bejn iż-żewġ naħat hu li l-Kamra għandha tiġi aġġornata għal għada t-Tlieta, 27 ta' Jannar, 2009, fis-6.00 pm bl-aġenda kif ser jikkomunikaha l-Prim Ministru.

--------------------------------------------------------------------------------

[1] Ordni Permanenti tal-Kamra tad-Deputati, Stamperija tal-Gvern, 1995